MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2009

Numru 343/1994

**Il-Pulizija
Spettur John Rizzo
Spettur Emanuel Cassar**

**vs**

**Alfred Vassallo
Marius sive Mario Magri
Raymond Farrugia
Marco Vella
Pierre Cauchi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Alfred Vassallo ta’ 54 sena, bin il-mejjet Joseph u Elvira nee’ Farrugia, imwieled Paola fit-8 ta’

Novembru, 1939 u residenti ‘Joal’ Balbi Street, Marsa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 822039(M) u Marius sive Mario Magri ta’ 36 sena, bin Nazzareno u Carmen nee’ Grech, imwieled Hal-Qormi fit-12 ta’ Ottubru, 1957 u residenti 67, Triq l-Egrett Isfar, Hal-Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 700257(M) u Raymond Farrugia ta’ 37 sena, bin Philip u Agatha nee’ Ciantar, imwieled l-Imtarfa u residenti ‘Serene Abode’, 127, Triq ir-Reddina, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 246356(M) u Marco Vella ta’ 27 sena, bin Salvu u Salvina nee’ Magro, imwieled tal-Pieta fl-10 ta’ Lulju, 1965 u residenti 73, Triq il-Mehriez, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ numru 330165(M) u Pierre Cauchi ta’ 43 sena, bin il-mejjet Edward u Maria nee’ Cava, imwieled San Giljan fis-6 ta’ Ottubru, 1950 u residenti 16, Bay Junction, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita’ 799950(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

F’ isem il-Kontrollur tad-Dwana nakkuzaw lill-Alfred Vassallo talli fl-10 t’ Awwissu, 1992, instab li kellu fil-pussess tieghu diversi oggetti kif jidhru fuq il-lista annessa man-Nota ta’ Qbid Nru. 29/94, b’ valur LM18,793.93.0, Dazju LM13,554.75.0, kif ukoll talli fit-2 ta’ Lulju, 1992, huwa rrilaxxja mid-Dwana 600 Cordless Telephones Make ‘Z Phones’ kif ukoll 6 Video Cameras tal-ghamla ‘Panasonic’ valur ta’ Lm 13,260.00.0, Dazju Lm9, 547.oo.0 liema dazju (fiz-zewg okkazzjonijiet), ma’ giex imhallas u/jew kawtelat. L-istess Alfred Vassallo ghamel l-importazzjoni ta’ dawn l-affarijiet qabel id-data hawn fuq imsemmija, kif ukoll ghamel dikjarazzjoni u/jew dikjarazzjonijiet foloz fuq id-dokumenti tad-Dwana, kif ukoll billi importa dawn l-affarijiet bil-ghajnuna u bil-koperazzjoni ta’ Mario Magri, minn Hal Luqa, meta it-tnejn flimkien, xjentement kienu jafu li l-importazzjoni ta’ dawn l-oggetti hija projbita u/jew ristretta; stante li mpurtaw flimkien diversi oggetti, permezz ta’ Groupage Container, kif murija fil-lista annessa man-Nota ta’ Qbid Numru 29/94 u 30/94, liema listi/Nota ta’ Qbid huma annessi ma din il-Letter to Prosecute.

F’ isem il-Kontrollur tad-Dwana nakkuzaw lil Mario Magri imsemmi hawn fuq talli fil-11 t’ Awwissu 1992, kellu fil-

pussess tieghu tmintax (18) il-gambling machines make unknown, serial numbers unknown, liema 'gambling machines' Marius sive Mario Magri, kien iddispona minnhom meta l-Pulizija marru jfittxulu fir-razzett tieghu, b' valur ta' LM2,025.00.0, Dazju LM1,418.00.0, kif ukoll talli fit-30 t'Awwissu 1992, importa f' Malta sitt(6) 'gambling machines', u kartuna li kien fih spare-parts, liema oggetti instabu li ma' jaqblux mad-dikjarazzjoni tad-Dokumenti tad-Dwana meta fit-3 ta' Settembru, 1992, il-container gie miftuh mill-ufficjali tad-Dwana, u minn ufficjali tal-Pulizija, skond kif jidher fil-lista annessa, man-Nota ta' Qbid numru 30/94, b' valur LM745.00.0, Dazju LM522.00.0, liema dazju taz-zewg okkazzjonijiet ma' giex imhallas u/jew kawtelat ghad-dannu tal-Gvern Malti. Talli Marius sive Mario Magri, ghamel l-importazzjoni ta' dawn l-affarijiet, billi importa dawn l-affarijiet bil-ghajnuna u bil-koperazzjoni ta' Alfred Vassallo, mill-Marsa meta it-tnejn flimkien, xjentement kienu jafu li l-importazzjoni ta' dawn l-oggetti hija projbita u/jew ristretta; stante li mpurtaw flimkien diversi oggetti, permezz ta' Groupage Container, kif murija fil-listi annessi man-Noti ta' Qbid Nru. 29/94 u 30/94, liema listi/Noti ta' Qbid huma annessi ma' din il-Letter to Prosecute.

Fil-konfront ta' Marius sive Mario Magri talli jinsab recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, (Malta) datati 5/10/92 u 17/2/94.

Marius sive Mario Magri u Alfred Vassallo xjentement hargu u/jew akkwistaw l-pussess ta' l-oggetti in kwistjoni, mid-Dwana billi:-

1. Qarqu bl-Awtoritajiet tad-Dwana, permezz li pprezentaw dokumenti foloz, kif ukoll mlew u/jew marru personalment u/jew baghtu ir-rapprezentant taghhom, fl-istess Dipartiment biex jigu processati dokumenti Doganali, meta huma cioe Marius sive Mario Magri u Alfred Vassallo, xjentement kienu jafu li kemm id-dikjarazzjoni, kif ukoll id-dettalji ta' l-importatur kienu foloz.

2. Biex dawn l-oggetti gew rilaxxjati mid-Dwana l-istess Marius sive Mario Magri u Alfred Vassallo, ikkorrompew u/jew hajru lill-Marco Vella, minn Hal-Qormi, li jahdem burdnar ix-Xatt, biex f' isimhom (Marius sive Mario Magri u Alfred Vassallo), u/jew ghan-nom taghhom, l-istess Marco Vella, ikun jista' jsib il-mezzi mehtiega, biex jaghmel l-arrangamenti kollha, halli dawn l-oggetti in kwistjoni jigu rilaxxjati mid-Dwana b' qerq; stante li l-istess Marius sive Mario Magri u Alfred Vassallo bil-ghajnuna ta' Marco Vella ikkorrompew u/jew hajru lill:-

Pierre Cauchi, ufficcjal tad-Dwana, kif ukoll lill-Raymond Farrugia, Bond Operator mas-Sea Malta Limited, billi hallsuhom, tawhom/weghduhom u/jew offrewlhom somom ta' flus biex it-tnejn flimkien, saru komplici f' dan ir-reat, meta bhala Ufficjali Pubblici naqsu li jaqdu dmirhom, billi irrilaxxjaw il-merkanzija mill-Bond tas-Sea Malta Co. Limited, Marsa u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 12, 17, 18, 21, 28, (1) (2), 42, 60 (a) (b) (d) (e) (h) (i) (k), 61 (1) (a), 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (j) (k) (m) (n), kif ukoll Schedule Section-Proviso 62, kif ukoll ta' l-Artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur ta' l-Exchange Control Act 1972.

F' isem il-Kontrollur tad-Dwana nakkuzaw lill-Pierre Cauchi u lill-Raymond Farrugia talli fl-10 ta' Awwissu, 1992, kif ukoll fit-2 ta' Lulju 1992, fil-kapacita' taghhom bhala Ufficjal tad-Dwana u Bond operator mas-Sea Malta Ltd. rispettivament, liema doveri kienu u/jew ghadhom iwettquhom fil-Private Bond tas-Sea Malta, gewwa Mifsud Verandahs, Marsa, flimkien u/jew bil-ghajnuna ta' xulxin, illiberaw u/jew irrilaxxjaw merkanzija mill-istess Bond, liema merkanzija kienet giet impurtata minn Marius sive Mario Magri, minn Hal Luqa, u Alfred Vassallo, mill-Marsa, meta huma xjentement kienu jafu li kemm id-dokumenti tad-Dwana, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet maghmula fuq l-istess dokumenti, kif ukoll l-oggetti impurtati ma' kienux l-istess oggetti kif deskritti fuq id-dokumenti riferuti la fil-ghamla, daqs u/jew mod. Pierre Cauchi u Raymond Farrugia irrilaxxjaw u/jew illiberaw dawn l-oggetti kif jidher fuq in-Nota ta' Qbid numru 30/94, mahruga f' isem Marius sive Mario Magri, u fuq in-Nota ta' Qbid Numru 29/94,

mahruga f' isem Alfred Vassallo, b'valur totali (1) skond Seizure Note No. 29/94, Valur Lm32, 053.93.0, Dazju Lm31, 267.00.0, (2) skond Seizure Note No. 30/94, Valur Lm2, 770.00.0, Dazju Lm19,399.00.0 liema dazju ma' giex imhallas u/jew kawtelat u dan ghad-dannu kontra l-Gvern Malti. Pierre Cauchi u Raymond Farrugia, bhala Ufficjali Pubblici, kienu fid-dmir li dan ir-reat/i ma' jhallux li jsiru, izda minflok flimkien u/jew permezz ta' l-imsemmi Pierre Cauchi, huma accettaw rigali ta' flus u jew promessi ta' weghdiet ta' flus, liema weghdiet/rigali ta' flus kienu moghdija lill-Pierre Cauchi, minghand il-burdnar Marco Vella biex wara l-istess ammonti jinqasmu u/jew kellhom jinqasmu bejniethom it-tlieta, biex jirrilaxxjaw il-merkanzija in kwistjoni.

Dan ir-rilaxx, Raymond Farrugia u Pierre Cauchi ghamluh, kontra l-ligi meta, bhala Ufficjali Pubblici, xjentement kienu jafu li l-importazzjoni taghhom hija ristretta u/jew projbita. Dan kollu sar bi ksur ta' l-Artikoli 12, 17, 18, 21, 28(1) (2), 42, 60 (a) (b) (d) (e) (h) (i) (k), 61 (1) (a), 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (j) (k) (m) (n), kif ukoll Schedule Section – Proviso 62, kif ukoll ta' l-Artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap.37, tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur ta' l-Exchange Control Act. 1972.

F' isem il-Kontrollur tad-Dwana nakkuzaw lill-Marco Vella talli fl-10 ta' Awwissu, 1992, kif ukoll fit-2 ta' Lulju, 1992, l-istess Marco Vella, kemm bhala Burdnar, u kemm bhala rapprezentant tal-importaturi Marius sive Mario Magri minn Hal Luqa u Alfred Vassallo mill-Marsa, biex jipprocessa dokumenti tad-Dwana, kif ukoll illibera u/jew irrilaxxja l-istess oggetti, meta xjentament kien jaf li d-dikjarazzjonijiet maghmula miz-zewg importaturi imsemmija u/jew ir-rapprezentanti taghhom kienu assolutament foloz, kif ukoll xjentement kien jaf, li l-oggetti importati miz-zewg importaturi kienu assolutament differenti b' kull mod, u ghamla minn dawk dikjarati fuq id-dokumenti tad-Dwana.

L-istess Marco Vella, f' zewg okkazzjonijiet f' kull kaz, fil-kapacita' tieghu bhala Burdnar, biex illibera u/jew irrilaxxja l-istess oggetti kif murija fuq in-Nota ta' Qbid numru 30/94,

mahruga f’ isem Marius sive Mario Magri, kif ukoll fuq in-Nota ta’ Qbid numru 29/94, f’ isem Alfred Vassallo, l-istess Marco Vella, fuq l-inizjattiva tieghu personali u/jew ghan-nom ta’ l-istess importaturi, u/jew it-tlieta flimkien, meta xjentement kienu jafu li se jwettqu reat, u/jew reati l-istess Marco Vella, hajjar, inkoragixxa b’ mezzi qarrieqa billi ikkorrompa lill-Pierre Cauchi, Ufficjal tad-Dwana, u lill-Raymond Farrugia, Bond operator mas-Sea Malta Limited billi hallashom, taghhom, weghdhom u/jew offrielhom somom ta’ flus, f’ ismu u f’ isem l-istess importaturi, biex it-tnejn flimkien bhala ufficcjali pubblici jonqsu li jaqdu dmirhom, billi t-tnejn flimkien u/jew bil-ghajnuna w l-koperazzjoni ta’ xulxin, jilliberaw u/jew jirrilaxxjaw l-istess merkanzija in kwistjoni meta bhala Ufficjali Pubblici xjentament kienu jafu li qeghdin jonqsu mid-dmirijiet fdati f’ idejhom u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikoli 12,17, 18, 21, 28 (1) (2), 42, 60 (a) (b) (d) (e) (h) (i) (k), 61 (1) (a), 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (j) (k) (m) (n), kif ukol Schedule Section – Proviso 62, kif ukoll ta’ l-Artikolu 77 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll bi ksur ta’ l-Exchange Control Act 1972.

Lill-Alfred Vassallo u Marius sive Mario Magri, kif ukoll lill-Pierre Cauchi, Raymond Farrugia u Marco Vella bhala komplici talli fit-2 ta’ Lulju 1992 u fl-10 ta’ Awwissu, 1992 sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tghaw taghrif falz. Artikolu 188 tal-Kap. 9.

Lill-Pierre Cauchi, Alfred Vassallo, Marius sive Mario Magri, Marco Vella u Raymond Farrugia talli f’ Lulju u f’ Awwissu tan-1992, huma ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra falsifikati. Artikolu 189 Kap. 9.

Lill-Alfred Vassallo, Marius sive Mario Magri u Marco Vella, kif ukoll lill-Pierre Cauchi u Raymond Farrugia bhala ufficcjali jew impjegati pubblici tali matul dawn l-ahhar sentejn, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom

hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’ xi att pubbliku ta’ Gvern. Artikolu 167 tal-Kap. 9.

Lill-Alfred Vassallo, Marius sive Mario Magri u Marco Vella, kif ukoll lill-Pierre Cuachi u Raymond Farrugia bhala ufficcjali jew impjegati pubblici, illi, minhabba l-karigi jew l-impjieg taghhom, huma fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat falz. Artikolu 185 (1) (2) tal-Kap. 9.

Lill-Alfred Vassallo, Marius sive Mario Magri u Marco Vella kif ukoll lill-Pierre Cauchi u Raymond Farrugia bhala ufficjali jew impjegati pubblici talli xjentement ghamlu uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz. Artikolu 186 tal-Kap. 9.

Lill-Pierre Cauchi u lill-Raymond Farrugia bhala ufficcjali jew impjegati pubblici talli in konnessjoni mal-kariga jew l-impjieg taghhom, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’ xi utli, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huma ma kellhomx jedd imma sabiex jonqsu li jaghmlu dak li kienu fi dmir taghhom li jaghmlu, kif fil-fatt naqsu li jaghmlu. Artikolu 115 (c) tal-Kap.9.

Nakkuzaw lill-Pierre Cauchi u lil Raymond Farrugia bhala ufficjali jew impjegati pubblici illi ghal xi vantagg privat taghhom, ghamlu uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilhom minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom jew jisirquhom. Artikolu 127 tal-Kap. 9.

Fl-ahhar nakkuzaw lill-Alfred Vassallo, Marius sive Mario Magri u lil Marco Vella talli fl-istess cirkustanzi huma kienu komplici fit-termini tal-Artikolu 120 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob illi f’ kaz ta’ kundanna, fil-konfront ta’ Pierre Cauchi u Raymond Farrugia bhala ufficjali jew

impjegati pubblici, jigu applikati l-Artikoli 119, 190 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' April 2000 (esebita a fol. 442 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputati taht dak li hemm mahsub ;

a) Fl-Artikoli 12,17, 18, 21, 28(1) (2), 42, 60(a) (b) (d) (e) (h) (i) (k), 61(1) (a), 62(a) (b) (c) (d) (e) (f) (g) (h) (i) (j) (k) (m) (n) u l-Proviso tal-Artikolu 62, 77 tal-Kap 37;

b) Fl-Artikoli 188, 189, 167, 185(1) (2), 186, 115(c), 127, 120, 119, 190, 533 tal-Kodici Kriminali;

Semghat l-ammissjoni tal-imputati Alfred Vassallo, Pierre Cauchi, Raymond Farrugia u Marco Vella ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom hekk kif registrata fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2009.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Marius sive Mario Magri hekk kif registrata fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-akkuza tar-recidiva.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputati l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom salv ghall-akkuza tar-recidiva migjuba biss fil-konfronti tal-imputat Marius sive Mario Magri li ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-

Ligi u li minnha ghalhekk l-imputat Marius sive Mario Magri qed jigi liberat.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti in kwantu jirrigwarda l-imputati kollha l-Qorti kkunsidrat id-dewmien esagerat li hadu dawn il-proceduri sakemm waslu sabiex jigu decizi (dawn il-proceduri nbdew fl-1994) liema dewmien ma kienx attribwibbli ghall-istess imputati u liema dewmien holoq inkonvenjent kbir lill-imputati. Il-Qorti kkunsidrat ukoll in kwantu jirrigwarda l-imputat Marco Vella li huwa ghandu fedina penali netta filwaqt li l-imputati Alfred Vassallo, Pierre Cauchi u Raymond Farrugia ghandhom il-fedina penali kwazi netta. Il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika l-Artikolu 28A fil-konfronti tal-imputati kollha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-24 ta’ April 2000 (esebita a fol. 442 tal-process) kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputati Alfred Vassallo, Raymond Farrugia, Marco Vella u Pierre Cauchi hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannhom sentejn (2) prigunerija kull wiehed li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli tal-Ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-24 ta’ April 2000 (esebita a fol. 442 tal-process) kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Marius sive Mario Magri hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv ghall-akkuza tar-recidiva mill-liema akkuza huwa qed jigi liberat, u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ erba’ (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 119, 120 u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputati Alfred Vassallo, Marius sive Mario Magri, Raymond Farrugia, Marco Vella u Pierre Cauchi.

Inoltre l-Qorti tordna li estratt ta’ din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai temini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputati l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqsu milli josservawha.

L-imputati min-naha taghhom jiddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqsu milli josservawha.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti in kwestjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------